**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Gunju 2002**

**Numru 19**

**Avviz numru 904/02**

**Lambert u Marcella konjugi Pace Asciak**

**vs**

**Nicholas Anthony Fenech**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm293.02 (mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u zewg centezmi) rappresentanti danni konsegwenti ghall-incident li sehh go Main Street, Ballut (fejn il-Knisja tal-Karmnu) fit-30 ta' Jannar, 2002 xi 1.30p.m. bejn car Skoda Favorit nru BAO 934 misjuqa mill-attur u bus nru EBY 487 misjuq mill-konvenut.

Bl-ispejjes u imghax minn notifika ta' l-avviz tat-talba u bl-ispejjes tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. Flimkien ukoll ma Lm11.50 ta' konsult (Fiscal Receipt B3724511)

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-attur Lambert Pace Asciak jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi is-somma ta' Lm293.02 (mitejn u tlieta u disghin lira u zewg centezmi) flimkien ma Lm11.50 (konsultazzjoni) rappresentanti danni insegwiti ghal kollizjoni li grat fit-30 ta' Jannar 2001.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**